# IS-SURMAST ANTONIO MIRUZZI, SURMAST DIRETTUR TAL-BANDA SANT'ANDRIJA 1914-1922

## 50 SENA WARA MEWTU

Is-Surmast Anton Miruzzi kien magħruf ma' Malta kollha bħala bniedem smart u bħala surmast li fil-ħidma mużikali tiegħu dejjem għamel unur lil pajjiżu. Huwa kien magħruf ma' Malta għad-direzzjoni tiegħu u b'mod speċjali x-xogħol għal banda u anke għall-orkestra. Ħafna xogħol tiegħu huwa kitbu barra minn Malta fejn ġie mfaħħar u mgħoti ċertifikati u premjijiet. Ċertifikati li huma dokument li jibqa' bħala rekordju anke wara l-mewt ta' l-individwu. Fil-ħajja ta' Miruzzi nsibu ko-inċidenza ma' surmast kbir Taljan, Giuseppe Verdi. Dawn it-tnejn twieldu fl-10 ta' Ottubru però Miruzzi fl-1867 (54 sena wara Verdi).

It-tfulija ta' Anton ma kinitx feliċi ħafna għax tilef lil ġenituri tiegħu ta' età żgħira. Fl-1873 iċ-ċkejken Anton kellu jissieħeb fl-orfni tal-Belt. Ta' 17-il sena id-Direttur ta' l-Ordni intebaħ bil-ġibda u t-talent tiegħu lejn il-mużika. Id-direttur hawn bagħat lil A Miruzzi jistudja l-Italja.

Avolja mhux matur fil-kompożizzjoni mill-ewwel Miruzzi mhedd idejh. Però l-ewwel suċċess fil-karriera mużikali tiegħu ġie fl-1892 meta ikkompona "Una Sinfonia" li għalkemm mhux xogħol twil ħafna però poġġa lil Miruzzi futur sabiħ.

### Karriera Mużikali

Peress li l-ambizzjoni tiegħu kienet li jitla' jidderieġi huwa kien ġie imwebbel biex jimbarka fuq vapur navali bħala mużikant, bil-ħsieb sintendi li jilħaq surmast meta jirtira l-band master. Dak iż-żmien kien Bartolo band master u hawn il-ħsieb fallielu. Meta Bartolo wasallu ż-żmien biex jispiċċa talab sabiex iġeddulu 3 snin oħra. Din it-talba qalaha u 3 snin għal Miruzzi kienu twal wisq biex jistenna u għalhekk reġa' ħalla l-vapur wara biss ftit xhur.

Il-Maltin f'Tuneż semgħu b'A Miruzzi u baghtu jitolbuh biex jitla' Tuneż u jagħqdilhom Soċjetà Mużikali. Il-ħsieb għoġbu u wara ftit ġranet hu u l-mara kienu Tuneż. L-għaqda ġiet iffurmata u kibret sakemm dan dam Tuneż. Fis-6 snin kollha f'Tuneż il-mara tas-surmast Miruzzi ma setgħetx tidra u għamlet f'qalbha u hawn flimkien kellhom iħallu Tuneż u jerġgħu lura Malta.

### Miruzzi f'Malta

Dawn kienu wħud mill-postijiet li A Miruzzi kien direttur u anke fejn dan is-



surmast ħalla kwantità kbira ta' xogħol mużikali. Baned li tagħhom kien surmast: Leone-Għawdex; Stella Maris, Sliema; San Ġużepp, Ħamrun; N. Isouard, Mosta; Pio X, Ħal Lija, San Andrea, Luqa; Beland, Żejtun.

Ta' 50 sena, fl-1917, huwa ġie wkoll maħtur direttur ta' l-Orfni fejn aktar minn 40 sena qabel kien qatta' tfulitu ma' tfal oħra orfni bħalu.

Din hija lista ta' xogħol tas-surmast Miruzzi: Una Marcia Sinfonica, Serenata għal 2 mandolini u kitarra, Polka "Cecil" dik inkitbet meta Miruzzi kien Tuneż; Valzer "Sola e Mesta"; Valzer ieħor "Mille Baci"; Marċi "Cuore", Marcia "Vita Musicale", marcia "La Bizarra" u "Inno Trionfale dei Scioperino" u marcia oħra "Zoe".

Ta' dawn il-kompożizzjonijiet kollha Miruzzi għandu ċertifikat mill-Italja għax il-biċċa l-kbira minnhom ġew komposti hemmhekk.

Ħafna mill-Irħula li jien semmejt aktar 'il fuq gawdew is-sbuħija tal-pinna melodjuża tas-surmast. Dawn huma: Ħal Lija – Innu lis-Salvatur; Ħamrun lil banda San Ġużepp – Innu San Gejtanu; Birkirkara ta' kull sena idoqqu innu marċjali tas-surmast Miruzzi; Ħal Luqa lill-Banda Sant' Andrija; l-Innu tal-Banda li jindaqq kull darba li din il-banda tesegwixxi xi programm mużikali. Barra dan l-Innu din il-banda għandha ukoll Marcia Sinfonica, Marcia "Mascherita" u sett ta' 14-il marċ funebri li jindaqqu meta din il-banda tieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Barra dawn hu ħalla wkoll xi marċi brijjużi.

## Ħeffa għall-Kitba tal-marċi

Għal marċi brijjużi, balladi u anke funebri, Miruzzi kellu ħeffa kbira. Darba waqt li hu kien qed jieħu kafè f'ħanut il-Belt ġieh motiv f'rasu. Hu talab biċċa karta lil waiter u ħażżeż dan il-marċ fil-ħanut stess.

Il-marċi għal Miruzzi kienu qishom il-kanzunetti għal Schubert. Huwa ferm impossibbli li wieħed isemmi l-marċi tiegħu kollha għax dawn ġew bħax-xita.

Fl-1929 ta' 52 sena s-surmast Anton Miruzzi kien ghadu jmur jidderieġi l-banda Beland taż-Żejtun. Ħafna drabi s-surmast raqad fil-każin taż-Żejtun peress li t-trasport ma kienx komdu bħal-lum.

Imġiegħel biex jirtira mill-mużika minn uliedu, hu ħalla l-aħħar żewġ każini filarmoniċi, il-Beland taż-Żejtun u San Ġużepp tal-Ħamrun fl-1929 fuq raġunijiet ta' saħtu. Fil-Banda tal-Ħamrun hu dam għal 29 sena. Hu dam 15-il sena rtirat u sena biss qabel miet huwa kien tħajjar jikteb opra, però l-mewt ma ħallitux ikompliha u fl-istess xhar li twieled, Ottubru, Anton Miruzzi miet. Huwa miet fis 26 ta' Ottubru, 1944.

Il-funeral kien sar il-Ħamrun fejn rappreżentanti tal-każini fejn hu kien serva ħadu sehem għall-aħħar tislima lil ex-surmast, ta' kwantità kbira u kwalità oriġinali, ta' melodiji brijjużi, is-surmast Anton Miruzzi.

*Riferenzi: Artiklu ta' Mro. Michael Chircop, fil-gazzetta "In-Nazzjon Tagħna", 26.1.72*



*It-Titular l-antik ta' Sant'Andrija mpitter minn Filippu Dingli*